MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tal-21 ta' April, 2010

Numru. 100/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Trevor Micallef)**

**vs**

**Matthew Zarb, 22 sena, iben il-mejjet Vincent u Frances nee` Mifsud, twieled 05 ta' Jannar 1988, Pieta`, residenti 38, Ruthden, Triq il-Vitorja, Birkirkara u detentur tal-karta tal-identita 41788(M)**

**u**

**Gerald Anthony Magri 20 sena, iben Mario u Rita nee` Attard, twieled 24 ta' Jannar 1990, Pieta`, res. 175, Triq Santu Rokku, Birkirkara u detentur tal-karta ta' l-identita 69490(M)**

Il-Qorti;

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imputati Matthew Zarb u Gerald Anthony Magri u cioe` talli:

1. Attakkaw jew ghamlu resistenza bi vjolenza jew b'hebb kontra PC1018 Dean Mula u PC660 Alex Mifsud, persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kienu jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita kompetenti.

2. Ikkagunaw ferita ta' natura hafifa fuq il-persuni ta' PC1018 Dean Mula u PC660 Alex Mifsud persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kien jagixxi ghall-ezekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita kompetenti.

3. Ingurjaw, heddu jew ghamlu offiza fuq il-persuni ta' PC1018 Dean Mula u PC660 Alex Mifsud, persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qeghdin jaghmlu jew minhabba li kienu ghamlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzaghhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-ezekuzzjoni ta' dak is-servizz.

4. Ikkagunaw ferita ta' natura hafifa il-peruna ta' Stepheanie Elizabeth Oelker.

5. Volontarjament kisru l-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku b'ghajjat u glied.

6. Ma obdewx l-ordnijiet legittmi tal-Pulizija, persuni inkarigati minn servizz pubbliku, jew ma hallewx jew fixkluhom waqt li kienu qed jaghmlu d-dmirijiet taghhom, jew b'mod iehor, bla jedd, indahlu fi dmirijiethom billi ma hallewx lil haddiehor jaghmel dak li b'ligi jkun ordnat jew jista jaghmel, jew billi gabu fix-xejn jew hassru dak li haddiehor ikun ghamel skond il-ligi, jew b'xi mod iehor.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;

Rat kunsens tal-Avukat Generali sabiex din il-kawza tigi trattata bil-procedura sommarja;

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputati liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-Qorti tghathom zmien xieraq sabiex jirrikonsidraw l-istess;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena;

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmulha mill-imputati u fid-dawl tal-provi migjuba l-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputati hatja tal-akkuzi migjuba fil-konfront taghhom.

Illi meta tigi biex tikkonsidra l-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti sejra tiehu in konisiderazzjoni l-ammissjoni bikrija maghmulha lill-imputati u l-fatt illi l-imputati stqarrew illi jiddispjacihom ghall-akkadut. Inoltre peress illi l-involviment ta’ Matthew Zarb huwa wiehed akbar minn tal-imputat l-iehor il-Qorti sejra tirrifletti dan il-fatt fil-piena li ser tigi inflitta.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 95, 96, 221(1), 338, 1(dd)(ee), 17(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta issib lill-imputati hatja ta’ l-akkuzi mijuba fil-konfront taghhom izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula fil-konfront tal-imputat Matthew Zarb il-Qorti tikkundannah ghall-perjodu ta’ sitt (6) xhur prigunerija li b’applikazzjoni ta’ l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta qed jigu sospizi ghal zmien sena mil-lum, filwaqt li fil-konfront ta’ l-imputat Gerald Anthony Magri l-Qorti wara li rat l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta qed tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena mil-lum.

Il-Qorti qed twissi lill-Matthew Zarb bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul il-perjodu operattiv ta’ dan is-senteza kif ukoll twissi lil Gerald Anthony Magri bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta’ liberta taht kondizzjoni.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------